Nicholas Grech
Male Ward 3A,
Sptar Monte Carmeli,
Triq Notabile,
Attard.
Data: 4 t 'Awissu '16.

Onorevoli Prim Ministru, Dr. Joseph Muscat,

Nitolbok tintervjeni fuq abbuz ta' poter li qed inhoss li qed isir fuqi mill-Ministru tal-Gustizzja, Dr. Owen Bonnici, li ta' kull darba qed itawwalli l-process ghalxejn. Jien kont gejt arrestat fid-19 ta' Marzu '14 fuq il-kaz ta l-annimali msalba fil-Mosta u sussegwentament ma gejtx misjub hati mill-Qorti izda ordnat li nibqa' ninzamm l-isptar Monte Carmeli sakemm ikun hemm bzonn.

Lura f'Lulju '14 kont ktibt lill-Ministru tal-Gustizzja ghall-ewwel darba nitolbu jirreferini quddiem it-Tribunal tar-Revizjoni tas-Sahha Mentali skond ma kienet il-procedura bil-ligi ezistenti dak iz-zmien. Jidher li dakinhar l-Ministru ma hasx li ghandu jkun il-pazjent li jiktiblu ghax skond ma qaltli s-segretarja tieghu meta cempiltilha, ried li jkun il-Psikjatra li jiktiblu f'ismi. Kellu joqghod jinqala' l-Psikjatra biex icempel lis-segretarja tieghu jispjegala kif tahdem il-procedura, lura f'Awissu '14, sakemm fl-ahhar gejt riferut mil-Ministru lit-Tribunal f'Settembru '14 wara xahrejn mohlija inutilment. It-Tribunal ma kienx laqgha t-talba tieghi biex nohrog dak iz-zmien wara aktar minn sitt xhur mizmum l-isptar Monte Carmeli.

Sadattant il-Ministru lejn Ottubru '14 bidel l-att dwar is-sahha mentali fejn fost l-ohrajn gabha li ghandu jkun il-Psikjatra li jikteb f'isem il-pazjent. Sakemm ma gew iccarati xi punti u ndrat is-sistema l-gdida, zvantaggjuza ghall pazjent, lahqu nhlew mal-5 xhur ohra sakemm fl-ahhar, f'Marzu '15, il-Psikjatra kiteb lill-Ministru. Din id-darba l-Ministru ghazel li jtawwalli l-kaz billi rrefera kollox lill-Kummissarju tal-Puluzija u l-Avukat Generali, zewg min-nies li ma kellhom x jaqsmu xejn mal-kaz ghax il-Qorti ma kienetx sabitni hati. Kellhom ikunu qrabati li joqghodu jmorru personalment ikellmu lill-Ministru biex jiccarawlu dan il-punt lura f'Jannar '16 biex fl-ahhar rreferini lit-Tribunal, u dehert quddiemu f'April '16, wara aktar minn sena mohlija inutilment.

Jidher li din id-darba t-Tribunal kien favorevoli li nohrog mill-isptar Monte Carmeli wara aktar minn sentejn mizmum hemmhekk u kiteb lill-Ministru b'din ir-rakkomandazzjoni lejn Mejju '16. Izda din id-darba l-Ministru flok iffirmali biex inkun nista nibda nohrog bil-leave ghazel li jinqeda bl-iskuza li ghandi nqabbad avukat, ghax darba dhalt hemm bil-Qorti ghanda tkun il-Qorti li tohrogni minn hemm (dan li qaltilhom is-segretarja tieghu meta qrabati kellmuha f'Lulju '16). Ghal darba ohra dan mhux ghajr dewmien bla bzonn ghax kif ghidt fil-bidu l-Qorti ma kienitx sabitni hati u ma tidholx il-Qorti biex inkun nista nohrog bil-leave. Il-Psikjatra kiteb lill-Kummissarju tas-Sahha Mentali, u l-Kummissarju lill-Ministru f'Lulju '16 biex jiccara dan il-punt izda baqa' bla risposta. Ormaj jidher bic-car li dan mhux hlief abbuz ta' poter mill-Ministru biex nibqa' ninzamm maqful kontra r-rakkomandazjoni tal-Psikjatra u tal-Kummissarju tas-Sahha Mentali li appunta hu stess biex jezaminani, biex wara aktar minn 3 xhur baqa' jinjora r-rakkomandazzjoni tieghu / tat-Tribunal.

Ghaldaqstant nitolbok tintervjeni mill-aktar fiss possibli u ma thallix dan il-ksur tad-drittijiet tieghi jkomplu jinkisruli b dan il-modd hekk sfaccat. Ma din l-ittra qed ninkludi l-ittra li kont ktibt lil-Ministru lura f'Lulju '14 u li ticcara diversi punti ohra dwar il-kaz tieghi, foshom l-abbuz ta' poter min-naha tal-Puluzija bl-akkuzi infondati li ghamluli u li fiha kont tlabt lill-Ministru jinvestiga imma s'issa, wara aktar minn sentejn, baqa' ma sar xejn.

Dejjem tieghek,

____________________________

Nicholas Grech (ID no: [redacted]M)

*(l-acknowledgement mill-ufficju tal-Prim Ministru għall-ittra t'hawn fuq)*

OFFICE OF THE PRIME MINISTER
AUBERGE DE CASTILLE, VALLETTA, MALTA

Our Reference: 07/2016/338
Your reference:

9th August 2016

Dear Sir/Madame,

The Office of the Prime Minister acknowledges receipt of your letter dated 4th August 2016 and it will be followed up.

Best regards

Adriana Chircop

Private Secretariat
Office of the Prime Minister

t + 356 2200 2400 e opm@gov.mt | www.primeminister.gov.mt